

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tibdel id-deċiżjoni kkontestata b'mod li t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tiġi miċħuda fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2018 – ZPC Flis v EUIPO – Aldi Einkauf (Happy Moreno choco)

(Kawża T-498/18)

(2018/C 352/57)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: ZPC Flis sp.j. (Radziejowice, il-Polonja) (rappreżentanti: M. Kondrat, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjeta Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża ir-rikorreni quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Happy Moreno choco – applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 028 087

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Mejju 2018 fil-Każ R 1464/2017-1

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat lura l-kawża quddiem l-EUIPO għal eżami mill-ġdid.
- tbiddel id-deċiżjoni kkontestata billi tiddikjara li ma hemmx motivi għal rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 015028087 "Happy Moreno choco" għall-prodotti kollha fil-klassijiet 30 u 35 u li t-trade mark għandha tiġi rreġistrata;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż favur ir-rikorreni.

Motivi

- ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill;
 - ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta' ċertezza legali.
-